MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru. 132/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Franco Azzopardi**

Kumpilazzjoni Numru: 132/2009

**Illum, 19 ta' Ottubru, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Franco Azzopardi, iben Paul u Maria Dolores nee Bonello, iwmieled Pieta fl-24 ta' Marzu, 1987 u residenti fil-fond St.Paul's House, Triq tas-Salib, Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 154187M.

Akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' Marzu, 2008, ghal-habta ta' nofsinhar, gewwa Triq Mountbatten, Hamrun ikkometta serq ta' mobile phone ghad-dannu ta' Andrea Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha utleitin cetezmu (€2329.37)

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Rat l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat General sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazjoni dwar il-piena

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat in kwistjoni, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah minghajr kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------